MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 204/2015/1 LM

**Kurt Desira (K.I. 291491M)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Kenneth Zammit (K.I. 373678M)**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Kenneth Zammit** (minn issa 'l quddiem "l-appellant"), mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), fit-28 ta' Jannar, 2020, (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi,

> *"... tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' sitt elef, u tmien mija u erbgħa u ħamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€6,854.32) u jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża u ċioe mill-14 ta' Lulju 2015, u bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura kontra l-intimat."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-proċeduri mibdija minnu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ir-rikorrent **Kurt Desira**, (hawnhekk "l-appellat"), talab lill-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu, u għall-kundanna tal-intimat għall-ħlas tal-istess, wara ħsarat sofferti mir-rikorrent fuq żewġ vetturi tiegħu, waħda tal-għamla Renault Kango (KGV 237) u oħra tal-għamla DAF LF (KAI 916). Fir-rikors tiegħu r-rikorrent speċifika li dawn id-danni ma jeċċedux id-disat elef Euro (€9,000).

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent beda proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara li sofra ħsarat fuq żewġ vetturi tiegħu. Ir-rikorrent spjega li huwa kien jiġġestixxi ħanut ġewwa Marsaskala, u l-intimat u l-mara tiegħu kienu klijenti tiegħu. Qal li kien hemm perijodu meta huwa kien jirċievi telefonati anonimi b'theddid, u dak iż-żmien huwa kien għaraf il-vuċi bħala dik tal-intimat. Ir-rikorrent qal li xi żmien wara huwa kien beda jsib titjir ta' aċidu fuq iż-żewġ vetturi tiegħu, u wara li qabbad investigatur privat, kien ġie stabbilit li dan it-titjir kien qiegħed jiġi

kkawżat mill-intimat, li kien jispara l-likwidu b'siringa mqabbda mal-mera tal-vettura tiegħu kull darba li jsuq viċin il-vetturi tar-rikorrent.

4. L-intimat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-ġudizzju mhuwiex integru, peress li huwa miżżewweġ u l-mara tiegħu ma ġietx imħarrka mir-rikorrent bħala intimata. Inoltre l-intimat żied jgħid li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-ħsara li qiegħed jilmenta minnha r-rikorrent ma ġietx ikkawżata minnu. Qal ukoll li huwa m'għandux iwieġeb għad-danni kkaġunati lir-rikorrent, u fi kwalunkwe każ ir-rikorrent kellu l-obbligu li jindika d-danni sofferti minnu b'mod aktar preċiż. L-Ewwel Qorti tat sentenza parzjali fejn iddeċidiet li ladarba l-ħsara li minnha qiegħed jilmenta r-rikorrent ġiet ikkawżata dolożament, l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat għandha tiġi miċħuda.

5. L-Ewwel Qorti kellha l-opportunità tisma' diversi xhieda, fosthom dik tar-rikorrrent, li spjega li huwa kien jiġġestixxi ħanut ġewwa Marsaskala, u fost il-persuni li spiss kienu jixtru mingħandu kien hemm l-intimat u martu. Spjega li kien hemm żmien meta huwa beda jirċievi telefonati anonimi b'theddid, u qal li dak iż-żmien kien għaraf leħen il-konvenut. Kompla jgħid li xi jiem wara, huwa beda jsib tiċpis mal-vetturi tiegħu, u dawn it-tbajja' ma kinux imorru bil-ħasil. Ir-rikorrent qal li dak iż-żmien huwa kien qabbad investigatur privat sabiex jagħmillu l-għassa, u kien hemm li sar jaf li dak it-titjir sar permezz ta' siringa mimlija bl-aċtu li ġiet sparata minn taħt il-mera tal-vettura tal-intimat. L-Ewwel Qorti kellha għad-dispożizzjoni tagħha wkoll tliet rapporti li saru lill-Pulizija mir-rikorrent, li ġew ippreżentati minn **WRPC 3141 Janet Cicala.** Xehed ukoll **Jody**

**Pisani**, *manager* fil-kumpannija Protection Services Limited, inkarigata mir-rikorrent biex tagħti servizz ta' investigazzjoni privata. Dan ix-xhud spjega li kienet saret l-għassa fuq medda ta' ġranet, u esebixxa l-filmat ta' meta l-intimat inqabad fil-fatt jitfa' l-aċtu permezz ta' siringa.

## Is-Sentenza Appellata

6. Permezz tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrent, u llikwidat id-danni sofferti minnu fl-ammont ta' sitt elef, u tmien mija u erbgħa u ħamsin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€6,854.32) u kkundannatu jħallas lir-rikorrent dan l-ammont hekk likwidat, bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża, jiġifieri mill-14 ta' Lulju, 2015, u bl-ispejjeż tal-proċedura quddiem l-Ewwel Qorti kontra l-istess intimat, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi, fil-qosor, f'din il-kawża r-rikorrent qiegħed jitlob likwidazzjoni u ħlas ta' danni fuq il-vetturi tiegħu Renault Kango bin-numru ta' reġistrazzjoni KGV 237 u DAF LF bin-numru ta' reġistrazzjoni KAI 916.*
>
> *L-intimat eċċepixxa (1) in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, (2) it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, (3) il-ħsarat ma ġewx kaġunati mill-intimat, (4) għalhekk huwa mhux responsabbli għall-istess u (5) sussidjarjament l-ammont ta' danni għandu jkun preċiżat.*
>
> ***L-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju***
>
> *Illi din l-eċċezzjoni ġiet deċiża permezz tas-sentenza preliminari tad-19 ta' Ottubru 2016.*

***Provi***

***Ir-rikorrent*** *preżenta l-affidavit tiegħu a folio 22 tal-proċess fejn spjega li kien beda jirċievi xi telefonati anonimi ta' theddid u li huwa kien għaraf lill-intimat minn leħnu għaliex kien jiffrekwenta l-ħanut tiegħu. Dawn damu għal madwar sitt ġimgħat u kif waqfu beda jsib ħsara fil-vettura tiegħu li kien qed isibha mċappsa b'xi likwidu fuqha u meta ħasilha din baqgħet imtebba'. Huwa beda jagħmel l-għassa. Reġa' sab l-istess ħsara fuq it-trakk tiegħu u dan ġimgħa wara ġimgħa u kien kull darba jagħmel rapport l-Għassa. Imbagħad iddeċieda jqabbad investigatur privat u wara ftit dan permezz ta' videos u ritratti kkonfermalu li l-persuna li kienet qed tagħmel il-ħsara fuq il-vetturi tiegħu kien l-intimat. Huwa preżenta wkoll stejjem tal-ħsarat u riċevuta tal-ħlasijiet li huwa kien ħallas lill-investigatur privat.*

*Xehdet* ***WRPC 3141 Jeanette Cicala*** *a folio 25 tal-proċess li esebiet erba' rapporti li r-rikorrent għamel mal-Pulizija rigward l-imsemmija ħsara.*

*Ir-rikorrent ippreżenta l-affidavit ta'* ***Jody Pisani*** *a folio 51 tal-proċess fejn ikkonferma li kien ġie inkarigat mir-rikorrent sabiex jagħmel l-għassa mal-vetturi tiegħu. Huwa kkonferma li kien ra lill-intimat jitfa' likwidu lejn il-vettura tar-rikorrent permezz ta' siringa. Huwa esebixxa wkoll ir-rapport relattiv u* pen drive *bir-ritratti u* videoclips *relattivi għall-inċident.*

*In kontro-eżami x-xhud spjega li huwa personalment kien għamel l-għassa fuq il-post u li huwa ra lill-intimat iwaddab likwidu b'siringa lejn il-vettura tar-rikorrent. Ix-xhud spjega wkoll li r-rapport kien miktub minn ħuh, u li ħuh kien preżenti miegħu waqt l-għassa.*

*Il-Qorti eżaminat ukoll il-*pendrive *bil-*videoclips *u ritratti minn liema jirriżultaw ukoll dawn il-fatti.*

*Minkejja li l-kawża ġiet differita għall-għeluq tal-provi tal-intimat xejn anqas minn disa' darbiet, l-intimat baqa' ma ppreżenta l-ebda prova.*

*Il-provi mressqa mir-rikorrent ma ġew kontestati bl-ebda mod mill-intimat.*

*Illi mill-provi prodotti, it-talbiet tar-rikorrenti jirriżultaw pruvati u jimmeritaw li jiġu milqugħa.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' sitt elef u tmien mija u erbgħa u ħamsin*

> *euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€6,854.32) u jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża u ċioe mill-14 ta' Lulju 2015, u bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura kontra l-intimat."*

**L-Appell**

7. L-intimat ippreżenta l-appell tiegħu fis-17 ta' Frar, 2020, fejn talab lill-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Jannar 2020 u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellant bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellat."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti minħabba li: (i) il-Qorti kienet manifestement żbaljata meta ddeċidiet li l-appellat irnexxilu jipprova l-ilment tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi, għaliex fil-konfront tal-appellant hemm nuqqas ta' provi; (ii) mhux minnu li l-provi mressqa mill-appellat ma ġewx ikkontestati mill-appellant.

**Ir-risposta tal-appell**

8. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, u li l-appell tal-appellant huwa bbażat biss fuq apprezzament ħażin tal-fatti. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, l-appellat qal li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba leġġerment sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti li diġà evalwat il-provi miġbura quddiemha.

L-appellat qal li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li kwalunkwe intromissjoni tal-Qorti tal-Appell fl-apprezzament tal-provi li jkun sar minn Qorti fi prim' istanza trid tkun ġejja minn konsiderazzjonijiet ta' gravità u ta' neċessità li jridu jkunu wkoll imprexxindibbli. L-appellat għamel riferiment għal bosta deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jgħidu li Qorti tal-ewwel grad ikollha l-opportunità li tevalwa l-komportament tax-xhieda li jagħtu d-depożizzjoni tagħhom quddiemha, u għalhekk din tkun f'qagħda aħjar li tivvaluta l-piż li għandu jingħata lill-istess xhieda. L-appellat qal ukoll li l-appellant talab diversi differimenti quddiem l-Ewwel Qorti, iżda baqa' ma ressaq l-ebda prova, u għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-uniċi provi li kellha quddiemha. L-appellat qal ukoll li minkejja li l-appellant issa qiegħed jgħid li x-xhieda ta' Jody Pisani kienet inattendibbli, dan naqas milli jagħmel kontroeżami tal-istess xhud, u x-xhieda ta' Jody Pisani għandha titqies li mhux biss hija xhieda li tikkorrobora dak li ġie allegat mill-appellat, iżda għandha titqies bħala l-prova reġina li l-appellant huwa l-persuna responsabbli għad-danni sofferti mill-appellat. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat jgħid li hawnhekk l-appellant donnu qiegħed jargumenta li ladarba l-oneru tal-prova kien fuq ir-rikorrent bħala l-persuna li kien qiegħed jagħmel l-allegazzjonijiet fil-kawża, allura l-appellant seta' joqgħod lura u jonqos milli jġib xi forma ta' prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu. L-appellat għamel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qorti tagħna fejn ingħad li hemm drabi fejn il-piż tal-prova jista' jinġarr kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-intimat, u li l-ġudikant li jrid jiddeċiedi l-mertu ta' każ li jkollu quddiemu, jrid jikkonsidra kemm il-provi mressqa mir-

rikorrent kif ukoll dawk imressqa mill-intimat, sabiex imbagħad jagħraf jiżen min mill-partijiet jirnexxilu jipprova l-allegazzjonijiet magħmula minnu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, ir-risposta mogħtija mill-appellat, u dan fl-isfond tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti.

*L-Ewwel Aggravju:* *L-Ewwel Qorti kienet manifestement żbaljata meta sabet li r-rikorrent appellat irnexxilu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi, dan minħabba nuqqas ta' provi miġjuba kontra l-appellant*

L-appellant sostna li l-Ewwel Qorti straħet prinċipalment fuq ix-xhieda ta' Jody Pisani, li kien l-uniku xhud okulari li qal li ra l-ħsara ssir fuq il-vetturi tar-rikorrent, u ma nġabet l-ebda prova oħra biex tikkorrobora dak li xehed dan ix-xhud. L-appellant qal li x-xhieda l-oħra straħu fuq id-depożizzjoni ta' dan ix-xhud, u l-appellat innifsu stqarr li minkejja li għamel l-għassa, huwa ma kienx qabad lil min kien qiegħed jikkawżalu l-ħsara. L-appellant qal li ladarba Jody Pisani nnifsu xehed li kien hemm drabi meta għamel l-għassa fejn hu kien akkumpanjat minn ħuh, ix-xhieda tiegħu kellha tkun ikkorroborata minn dak li kellu xi jgħid ħuh. Żied jgħid ukoll li f'dan il-każ l-investigatur privat ingħata l-inkarigu u tħallas għal xogħlu mill-appellat.

Din il-Qorti kkonsidrat il-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti, minn fejn jirriżultaw id-depożizzjonijiet prinċipalment tal-appellat, ix-xhieda tal-Pulizija li esebiet ir-rapporti li saru mill-appellat, u x-xhieda ta' Jody Pisani *manager* mal-kumpannija tal-investigaturi privati mqabbda mill-appellat. L-appellat qal li huwa kellu suspetti fl-appellant għaliex xi ġranet qabel sab it-tbajja' mal-vetturi tiegħu, huwa kien irċieva għadd ta' telefonati anonimi b'theddid indirizzat lejh, u kien għaraf il-vuċi tal-appellant bħala l-persuna li kien qiegħed jagħmel dawn it-telefonati. Wara li sab it-tbajja' fuq il-vetturi tiegħu, l-appellat kien inkariga investigatur privat sabiex jagħmel l-għassa, u kien bis-saħħa tal-filmati miġbuda minn Pisani u l-fatt li dawn ġew segwiti bil-mod mill-investigatur privat, li dan seta' jiddetermina l-mod li bih l-appellant kien qiegħed jikkawża ħsara lill-vetturi tal-appellat. L-investigatur privat esebixxa wkoll il-filmati u spjega li l-ħsara kienet qiegħda tiġi kkawżata billi l-appellant kien qiegħed jispara likwidu, aktarx xi tip ta' aċtu lejn il-vetturi tal-appellat, permezz ta' siringa mwaħħla taħt il-mera tal-vettura tiegħu. Din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn taħseb li l-analiżi tal-provi li saret mill-Ewwel Qorti ma kinitx waħda korretta, jew waħda li għandha tiġi skartata. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma setax ikollha prova aktar kredibbli minn filmat miġbud mill-investigatur privat, li proprju juri lill-appellant jagħmel l-att li bih ġiet ikkawżata l-ħsara lill-appellat. Ċertament li ma kienx hemm il-ħtieġa li prova oġġettiva bħal din tiġi korroborata b'xhieda oħra, għaliex l-appellant inqabad fil-fatt mill-*cameras* tal-investigatur privat inkarigat mill-appellat, u għalhekk is-suspetti li kellu l-appellat ġew ippruvati. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li l-appellant ingħata l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu

sabiex jiskolpa ruħu, iżda minkejja li ngħataw għadd ta' differimenti għal dan l-iskop, l-appellant baqa' ma ressaq l-ebda prova sabiex imqar jittenta jiskredita l-allegazzjonijiet tal-appellat. Huwa għalhekk li dan l-aggravju mhux mistħoqq u qiegħda tiċħdu

*It-Tieni Aggravju: l-oneru tal-prova*

L-appellant ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li qieset li l-provi mressqa mir-rikorrent ma ġewx ikkontestati bl-ebda mod mill-intimat. L-appellant qal li l-oneru tal-prova huwa fuq min jallega, u f'dan il-każ l-appellant bħala intimat kellu dritt li ma jgħid xejn u li ma jġib l-ebda prova f'dawn il-proċeduri. Minkejja li huwa kellu dan id-dritt, l-appellant qal li huwa min-naħa tiegħu għamel il-kontroeżamijiet tax-xhieda mressqa mill-appellat, liema kontroeżamijiet għandhom jammontaw għall-provi miġjuba mill-appellant f'dawn il-proċeduri.

Din il-Qorti qieset il-kwalità tal-kontroeżamijiet li saru quddiem l-Ewwel Qorti, u l-fatt li mir-risposti li ngħataw għad-domandi tal-avukat difensur tal-intimat, l-Ewwel Qorti setgħet tikkonkludi l-vertenza li kellha quddiemha. Il-Qorti tqis ukoll li bid-domandi li saru in kontroeżami, ma jirriżulta bl-ebda mod li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha. Ikkonsidrat ukoll li kienet tinkombi fuq l-appellant ir-responsabbilità li jassigura li jġib provi biżżejjed sabiex jittenta jiskredita l-provi li nġabu mill-appellat. L-appellant seta' pereżempju jġib prova dwar fejn kien fil-ħin meta seħħew l-atti

fuq il-vetturi tal-appellat, jew provi oħra li almenu jnisslu dubju f'moħħ ġudikant dwar kemm huwa probabbli dak li qiegħed jiġi allegat mill-appellat. Huwa minnu li min jallega jrid jipprova, iżda f'dan il-każ l-intimat kellu l-obbligu li almenu jġib provi li jixħtu dubji jew ixejnu l-allegazzjonijiet li saru mill-appellat. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li qiegħda tqis li dan l-aggravju mhux mistħoqq u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**